MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**DEMICOLI AUDREY**

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1962/2002

**Avviz Numru 1962/02 AJD**
**Albert Abela**

**vs**

**Stephen Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Awissu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mija u hamsa u sittin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm165.83) rappresentanti bilanc dovut ghal accessorji ta' vetturi mibjugha u kkonsenjati u flus moghtija lill-konvenut mill-attur.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tat-28 ta' Dicembru 2001 u tat-30 ta' April 2002, u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Frank Cassar ghall-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mija u hamsa u sittin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm165.83), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**